MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 943/2012

**Euroslots Limited (48658)**

***kontra***

**Otto Malta Limited (C44085)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Settembru 2012 li jaqra hekk –

*Illi fl-1 ta` Dicembru 2010 is-socjeta` Euroslots Limited iffirmat Skinned Site Solution Partner Agreement mas-socjeta` Ott Limited (Dok. A hawn annessa).*

*Illi fl-istess data ta` l-1 ta` Dicembru 2010 Euroslots Limited, Otto Limited u s-socjeta` intimata Otto Malta Limited iffirmaw ftehim li permezz taghha Otto Malta Limited assumiet l-obbligi kollha ta` Otto Limited taht Skinned Site Solution Partner Agreement (Dok. A2).*

*Illi skond it-termini ta` l-artikolu 5 ta` l-istess ftehim il-partijiet Otto Limited u Otto Malta Limited awtorizzaw lis-socjeta` Euroslots Limited li fil-kaz ta` kontestazzjoni s-socjeta` rikorrenti tista` tipprocedi kontra Otto Malta Limited minghajr ma jkollha tipprocedi kontra Otto Limited qabel.*

*Illi ai termini tal-istess kuntratt is-socjeta` Otto Limited ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` Euro 126,770 (mija u sitta u ghoxrin elf, seba` mija u sebghin Euro) bhala prezz ta` servizzi moghtija mis-socjeta` rikorrenti wara li jigu mnaqqsin spejjez illi s-socjeta` rikorrenti taf lis-socjeta` Otto Limited u dan ghal perjodu Mejju 2012 sa Lulju 2012. (Ara dok annessi B, C, D, E, F, G li huma l-fattura mahruga mis-socjeta` rikorrenti (doks B, D u F) u l-korrispondenti 'Summary Reports' mahrugin mill-istess socjeta` intimata fejn jikkonfermaw is-somma dovuta minnha permezz ta` kalkulazzjoni tat-tpacija tas-sommom dovuti bejn il-partijiet (doks C, E u G) ghax-xhur Mejju 2012, Gunju 2012 u Lulju 2012 rispettivament.*

*Illi s-socjeta` intimata, ghalkemm interpellata sabiex thallas permezz ta` varji emails bejn il-partijiet u permezz ta` ittra legali datata 4 ta` Settembru 2012 naqset li thallas dan l-ammont liema ammont hu cert, likwidu u dovut u ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta` rikorrenti u bid-dispensa tas-smigh kif hemm mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` euro126,770 (mija u sitta u ghoxrin elf, seba` mija u sebghin euro) ammont dovut kif fuq imsemmi;*

*Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra legali tal-4 ta` Settembru 2012 kontra s-socjeta` intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat l-Art. 170(1) tal-Kap.12.

Semghet lid-difensur tal-kumpannija konvenuta fl-udjenza tal-lum.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpannija konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet validi x`taghti kontra t-talba attrici.

**Ghaldaqstant, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` mija u sitta u ghoxrin elf, seba` mija u sebghin Euro (€126,770), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------